

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2017/1338**tas-17 ta' Lulju 2017****li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2015/1333 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fil-31 ta' Lulju 2015, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2015/1333 ⁽¹⁾.
- (2) Il-Kunsill preċedentement innota l-importanza tal-istabbiltà fil-Libja u offra li jipprovdi appoġġ lill-awtoritajiet Libjani, kif rikonoxxuti taħt il-Ftehim Politiku Libjan, biex jikkumbattu l-faċilitazzjoni tal-immigrazzjoni illegali u t-traffikar ta' bnedmin.
- (3) Il-faċilitazzjoni tal-immigrazzjoni illegali u t-traffikar ta' bnedmin jikkontribwixxu biex jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni politika u tas-sigurtà fil-Libja.
- (4) Jenħtieġ li jiġu applikati restrizzjonijiet fuq l-esportazzjoni ta' ċerti prodotti lejn il-Libja li jistgħu jintużaw għall-faċilitazzjoni tal-immigrazzjoni illegali u t-traffikar ta' bnedmin.
- (5) Għalhekk jenħtieġ li d-Deċiżjoni (PESK) 2015/1333 tiġi emendata skont dan,

ADOPTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Artikolu 10 tad-Deċiżjoni (PESK) 2015/1333 hija sostitwita b'dan li ġej:

"Artikolu 10

1. L-Istati Membri għandhom jeħtieġu li ċ-ċittadini tagħhom, il-persuni soġġetti għall-ġurisdizzjoni tagħhom u d-ditti inkorporati fit-territorji tagħhom jew soġġetti għall-ġurisdizzjoni tagħhom jeżerċitaw viġilanza meta jagħmlu negozju ma' entitajiet inkorporati fil-Libja jew soġġetti għall-ġurisdizzjoni tal-Libja, u kwalunkwe individwu jew entità li jaġixxu f'isimhom jew taħt id-direzzjoni tagħhom, u entitajiet li huma l-proprjetà tagħhom jew huma kkontrollati minnhom, bil-għan li jiġi pprevenut negozju li jista' jikkontribwixxi għall-vjolenza u l-użu tal-forza kontra l-popolazzjoni ċivili.

2. Il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni ta' ċerti bastimenti u muturi lil-Libja li jistgħu jintużaw fil-faċilitazzjoni tal-immigrazzjoni illegali u t-traffikar ta' bnedmin, minn ċittadini ta' Stati Membri jew mit-territorji ta' Stati Membri jew bl-użu tal-bastimenti jew ingeni tal-ajru li jtajru l-bandiera tagħhom, għandhom ikunu soġġetti għal awtorizzazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru kemm jekk joriġinaw fit-territorju tiegħu kif ukoll jekk le.

3. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri m'għandhom jagħtu l-ebda awtorizzazzjoni għall-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni tal-oġġetti msemmija fil-paragrafu 2 jekk ikollhom raġunijiet fondati biex jemmnu li l-oġġett jintuża fil-faċilitazzjoni tal-immigrazzjoni illegali u t-traffikar ta' bnedmin.

4. Il-paragrafu 2 ma għandux tapplika għall-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni mwettqa mill-awtoritajiet tal-Istati Membri lill-gvern Libjan jew lill-aġenziji tiegħu.

L-Unjoni għandha tiegħu l-miżuri meħtieġa sabiex tiddetermina l-oġġetti rilevanti li għandhom ikunu koperti b'dan l-Artikolu."

⁽¹⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/1333 tal-31 ta' Lulju 2015 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja, u li tħassar id-Deċiżjoni 2011/137/PESK (ĠU L 206, 1.8.2015, p. 34).

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Lulju 2017.

Għall-Kunsill

Il-President

F. MOGHERINI
